



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

12386/20
ADD 1

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0309(NLE)

WTO 293
COASI 128

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Ottubru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 678 final - ANNEX
Suġġett:	ANNESSI ta' [...] Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 678 final - ANNEX.

Mehmuż: COM(2020) 678 final - ANNEX



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.10.2020
COM(2020) 678 final

ANNEX

ANNESSI

ta' [...]

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsil

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat Konġunt stabbilit skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika rigward l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet

ABBOZZ

DEĊIŻJONI Nru 3/2020 TAL-KUMITAT KONĠUNT SKONT IL-FTEHIM BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-ĠAPPUN GĦAL SĦUBIJA EKONOMIKA

ta' [data]

dwar l-emenda tal-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2 tal-Anness 2-C dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet

IL-KUMITAT KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun għal Sħubija Ekonomika (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), u b'mod partikolari l-paragrafi 3 u 4 (b) tal-Artikolu 23.2 u l-paragrafu 1 tal-Artikolu 9 tal-Anness 2-C tal-Ftehim,

Billi:

- (1) Mill-iffirmar tal-Ftehim, u bħala riżultat tal-progress fid-diskussjonijiet regolatorji fil-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), l-Unjoni Ewropea u l-Ġappun (minn hawn' il quddiem imsejjaħ "il-Partijiet") japplikaw Regolamenti tan-NU addizzjonali li ma kinux oriġinarjament elenkati fl-Appendiċijiet 2-C-1 u 2-C-2. L-inklużjoni ta' daww ir-Regolamenti addizzjonali tan-NU fl-Appendiċi 2-C-1 żżid iċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi fir-rigward tal-qafas regolatorju tar-relazzjonijiet kummerċjali preferenzjali bejn il-Partijiet.
- (2) Wara l-valutazzjoni favorevoli tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Partijiet tat-11 ta' Novembru 2019, ġie kkonfermat li jiġu emendati l-Appendiċi 2-C-1 billi jiġu inklużi r-Regolamenti 53, 85, 145 u 146 tal-UNECE, u li jiġi emendat l-Appendiċi 2-C-2 billi jitneħħew mil-lista r-Regolamenti 53 u 85 tal-UNECE.
- (3) Il-Partijiet ikunu diġà lestew il-proċeduri interni tagħhom meħtieġa għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni mill-Kumitat Konġunt skont il-Ftehim; u għalhekk tipprevedi li jiġu skambjati n-noti diplomatiċi li jikkonfermaw id-Deċiżjoni fi żmien 15 jum wara l-adozzjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. L-Appendiċi 2-C-1 tal-Ftehim jinbidel bit-test tal-Anness 1 ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-Appendiċi 2-C-2 tal-Ftehim jinbidel bit-test tal-Anness 2 ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija mfassla f'żewġ kopji fil-lingwi awtentiċi tal-Ftehim previsti fil-paragrafu 1 tal-Artikolu 23.8 tal-Ftehim, bit-testi kollha jkunu ugwalment awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi kkonfermata u tidħol fis-seħħ mal-iskambju ta' noti diplomatiċi f'konformità mal-paragrafu 3 tal-Artikolu 23.2 tal-Ftehim. Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara l-iskambju ta' daww in-noti diplomatiċi.

Magħmul fi ...,

Għall-Kumitat Konġunt tal-Ftehim

Kopresident [tal-Ġappun]

Kopresident [tal-UE]

APPENDIĊI 2-C-1

REGOLAMENTI TAN-NU APPLIKATI MIŻ-ŻEWĠ PARTIJIET

Regolament Nru	Titolu
3	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati retroriflettivi għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
4	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati għat-tidwil ta' pjanċi ta' reġistrazzjoni ta' wara tal-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
6	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' indikaturi tad-direzzjoni għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
7	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem u ta' wara, fanali ta' waqfien u fanali li jimmarkaw il-kontorn tat-tarf għall-vetturi bil-mutur (għajr il-muturi) u l-karrijiet tagħhom
10	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-kompatibilità elettromanjetika
11	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward lukketi tal-bibien u komponenti għaż-żamma tal-bibien
12	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward il-protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu tal-istering fil-każ ta' impatt
13	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji M, N u O fir-rigward tal-ibbrejkjar
13-H	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' karozzi tal-passiġġieri fir-rigward tal-ibbrejkjar
14	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sigurtà, sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, ankraġġi top tether ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size
16	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta': I. Iċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi għat-trażżin tat-tfal u s-sistemi għat-trażżin tat-tfal ISOFIX għall-okkupanti ta' vetturi motorizzati II. Il-vetturi mgħammra biċ-ċinturini tas-sigurtà, bi tfakkira taċ-ċinturin tas-sigurtà, bis-sistemi ta' trażżin, bis-sistemi għat-trażżin tat-tfal, bis-sistemi ISOFIX għat-trażżin tat-tfal u bis-sistemi i-Size għat-trażżin tat-tfal
17	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward is-sitijiet, l-ankraġġi tagħhom u kull riffieda tar-ras

19	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali taċ-ċpar ta' quddiem ta' vetturi bil-magna
21	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-aċċessorji ta' ġewwa tagħhom
23	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali tar-rivers u tal-manuvrar għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
25	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lqugħ protettiv tar-ras (headrests), sew jekk inkorporat fis-sitijiet tal-vettura u sew jekk le
26	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-isporġenji esterni tagħhom
27	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' trijangolu għat-twissija bil-quddiem
28	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati ta' twissija li jinstemgħu u ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sinjali li jinstemgħu tagħhom
30	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tajers pnevmatiċi għall-vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom
34	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji tan-nar
37	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi tal-filament għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati ta' vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
38	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali taċ-ċpar ta' wara għall-vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
39	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-ispidometru u tal-odometru inkluża l-installazzjoni tiegħu
41	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi rigward l-emissjonijiet ta' ħsejjes
43	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' materjali tal-ħġieġ tas-sikurezza u l-installazzjoni tagħhom fuq il-vetturi
44	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati għat-trażżin għal tfal li jirkbu bħala passiġġieri f'vetturi bil-magna ("Sistemi għat-Trażżin tat-Tfal")
45	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tagħmir li jnaddaf il-fanali ta' quddiem, u ta' vetturi bil-magna fir-rigward tat-tagħmir li jnaddaf il-fanali ta' quddiem
46	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' apparati għal viżjoni indiretta u ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-installazzjoni ta' dawn l-apparati
48	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi rigward l-installazzjoni

	ta' dawl u apparat għas-sinjalar tad-dawl
50	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem, fanali ta' wara, fanali tal-waqfien, indikaturi tad-direzzjoni u apparati li jdawlu l-pjanċa ta' reġistrazzjoni ta' wara, għall-vetturi tal-kategorija L
51	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur li għandhom mill-inqas erba' roti fir-rigward tal-emissjonijiet ta' ħsejjes tagħhom
53	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L3 rigward l-installazzjoni ta' dawl u apparat għas-sinjalar tad-dawl
54	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tajers pnevmatiċi għall-vetturi kummerċjali u l-karrijiet tagħhom
58	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta': I. Tagħmir ta' protezzjoni fuq wara biex ma jgħaddi xejn minn taħt il-vettura (Rear Underrun Protective Devices - RUPD) II. Il-vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' TPTW ta' tip approvat III. Il-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni mit-trikkib minn wara (PTW) tagħhom
60	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' muturi u mopeds b'żewġ roti rigward kontrolli operati mis-sewwieq inklużi l-identifikazzjoni ta' kontrolli, indikaturi operatorji u indikaturi
62	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-magna b'manubriji (handlebars) fir-rigward tal-protezzjoni tagħhom kontra użu mhux awtorizzat
64	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tat-tagħmir tagħhom li jista' jinkludi: unità żejda b'użu temporanju, tajers run-flat u/jew sistema run-flat, u/jew sistemi ta' monitoraġġ tal-pressjoni tat-tajers
66	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-passiġġieri kbar fir-rigward tal-qawwa tas-sovrastruttura tagħhom
70	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' pjanċi indikattivi ta' wara għall-vetturi tqal u twal
75	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tajers pnevmatiċi għall-vetturi tal-kategorija-L
77	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali tal-ipparkjar għall-vetturi bil-magna
78	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategoriji L1, L2, L3, L4 u L5 fir-rigward tal-ibbrejkjar
79	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tat-tagħmir tal-istering
80	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sits ta' vetturi tal-passiġġieri kbar u ta' dawn il-vetturi fir-rigward tal-qawwa tas-sits u tal-ankraġġi tagħhom

81	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' mirja retroviżuri ta' vetturi bil-magna b'żewġ roti b'sidecar jew le, rigward il-montatura ta' mirja retroviżuri fuq il-manubriji
85	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' magni b'kombustjoni interna jew sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi maħsuba għall-propulsjoni ta' vetturi bil-mutur tal-kategoriji M u N fir-rigward tal-kejl tal-potenza netta u l-qawwa massima ta' 30 minuta tas-sistemi tal-mototrażmissjoni elettriċi
87	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi li jkunu mixgħulin il-ħin kollu għal vetturi bil-magna
91	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali li jimmarkaw il-ġnub għall-vetturi bil-mutur bil-mutur u l-karrijiet tagħhom
93	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta': I. Apparati ta' protezzjoni kontra t-trikkib minn quddiem (TPTQ) II. Il-vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' TPTQ ta' tip approvat III. Il-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni kontra t-trikkib fuq quddiem (PTQ) tagħhom
94	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta minn quddiem
95	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti fil-każ ta' ħabta mill-ġenb
98	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' vetturi bil-mutur mgħammra b'sorsi ta' dawl li jarmu l-gass
99	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sorsi tad-dawl b'disċarġ tal-gass għall-użu f'unitajiet ta' fanali b'disċarġ tal-gass approvati ta' vetturi bil-magna
100	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika
104	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' marki retroriflettivi għall-vetturi tal-kategorija M, N u O
110	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta': I. Komponenti speċifiċi tal-vetturi bil-mutur li jużaw gass naturali kkompressat (CNG) u/jew gass naturali likwifikat (LNG) fis-sistema ta' propulsjoni tagħhom II. Vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' komponenti speċifiċi ta' tip approvat, biex jintuża gass naturali kkompressat (CNG) u/jew gass naturali likwifikat (LNG) fis-sistema tal-propulsjoni tagħhom
112	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali ta' quddiem ta' vetturi bil-mutur li jarmu raġġ ta' dawl baxx asimmetriku jew raġġ tas-sewqan jew it-tnejn li huma u mgħammra b'lampi tal-filament u/jew moduli ta' diġodu li jemetti d-dawl (LED)

113	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' lampi ta' vetturi bil-mutur li jarmu raġġ ta' dawl baxx simmetriku jew raġġ ta' dawl tas-sewqan jew it-tnejn li huma u mġhamra b' filament, sorsi ta' dawl li jarmu l-gass jew moduli LED
116	Dispożizzjonijiet uniformi dwar il-protezzjoni ta' vetturi bil-mutur kontra l-użu mhux awtorizzat
117	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' tajers fir-rigward tal-emissjonijiet ta' ħsejjes ta' rrolljar u/jew l-adeżjoni fuq superfiċji mxarrbin u/jew ir-reżistenza għall-irrolljar
119	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' fanali għall-kantunieri għall-vetturi bil-magna
121	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-post u l-identifikazzjoni tal-kontrolli tal-idejn, indikaturi operatorji u indikaturi
123	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi adattivi tad-dawl ta' quddiem (AFS) għall-vetturi bil-mutur
125	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-erja tal-viżjoni ta' quddiem tas-sewwieq tal-vettura bil-mutur
127	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-eżekuzzjoni tagħhom lejn is-sikurezza tal-persuni mixjin fit-triq
128	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sorsi tad-dawl ta' diġodu li jemetti d-dawl (LED) għall-użu f'unitajiet ta' fanali approvati fuq vetturi bil-magna u l-karrijiet tagħhom
129	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Sistemi għat-Trażżin tat-Tfal Imtejba użati fuq vetturi bil-mutur (ECRS)
130	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistema ta' Twissija ta' Ħruġ mil-Lejns (Lane Departure Warning System - LDWS)
131	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-Sistemi Avvanzati ta' Bbrekjar b'Emerġenza (Advanced Emergency Braking Systems - AEBS)
134	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-komponenti tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni marbuta mas-sigurtà ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu (HFCV) ¹

¹ Għall-Ġappun, sal-punt li l-kontejners ikunu mmarkati skont l-Artikolu 46 tal-Att dwar is-Sikurezza tal-Gass bi Pressjoni Għolja (High Pressure Gas Safety Act) (Liġi Nru 204 tal-1951) tal-Ġappun, il-kundizzjonijiet biex jiġi approvat tip ta' vettura li jkun ġie approvat minn awtorità tal-approvazzjoni tat-tip tal-Unjoni Ewropea skont ir-Regolament tan-NU Nru 134 għandhom ikunu kif ġej:

- (a) fiż-żmien tal-applikazzjoni skont l-Att dwar is-Sikurezza tal-Gass bi Pressjoni Għolja tal-Ġappun, il-manifattur jew ir-rappreżentant legali tiegħu fil-Ġappun għandu jippreżenta li:
 - (i) il-materjal tal-kontejners huwa ekwivalenti għal SUS F 316L speċifikat skont JIS (Japan Industrial Standard - Standard Industrijali tal-Ġappun) G 3214; għall-finijiet ta' dan is-

135	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-prestazzjoni tagħhom f'każ ta' Impatt fil-Ġenb ma' Arblu (PSI)
136	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi tal-kategorija L fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sistema tal-motopropulsjoni elettrika
137	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri fil-każ ta' ħabta minn quddiem b'fokus fuq is-sistema ta' trażżin
138	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' Vetturi tat-Trasport bit-Triq Ħiemda fir-rigward tal-livell tal-ħoss imnaqqas tagħhom
139	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri fir-rigward ta' Sistema ta' Assistenza fl-Ibbrekjar (BAS)
140	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' karożżi tal-passiġġieri fir-rigward ta' Sistemi Elettroniċi tal-Kontroll tal-Istabbiltà (ESC)
141	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tas-Sistemi tal-Monitoraġġ tal-Pressjoni tat-Tajers (TPMS) tagħhom
142	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-installazzjoni tat-tajers tagħhom
145	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-ankraġġi taċ-ċinturini tas-sigurtà, sistemi ta' ankraġġi ISOFIX, ankraġġi top tether ISOFIX u pożizzjonijiet bilqiegħda i-Size
146	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-komponenti tagħhom fir-rigward tal-prestazzjoni marbuta mas-sigurtà ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu ta' kategoriji L1, L2, L3, L4 u L5

-
- subparagrafu, il-konformità ma' DIN1.4435 mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim titqies bħala li tissodisfa dan ir-rekwiżit;
- (ii) in-“Nikil Ekwivalenti” (massa %) huwa aktar minn 28.5; għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, “Nikil Ekwivalenti” (massa %) huwa definit bħala: “ $12.6[C]+0.35[Si]+1.05[Mn]+[Ni]+0.65[Cr]+0.98[Mo]$ ” u għandu jiġi ppruvat mill-Material Mill Sheet; kif ukoll
- (iii) ir-riżultat tat-test għal “Tnaqqis tal-Erja” huwa aktar minn 75 %; f'każ li r-riżultat tat-test ikun bejn 72 % u 75 %, l-applikazzjoni se tiġi eżaminata filwaqt li jitqies in-“Nikil Ekwivalenti”; kif ukoll
- (b) il-vetturi individwali huma soġġetti għal spezzjoni perijodika ta' sentejn għas-sistema ta' ħżin tal-idroġenu skont l-Artikoli 49 u 49-4 tal-Att dwar is-Sikurezza tal-Gass bi Pressjoni Għolja tal-Ġappun u s-sistema għandha titneħħa wara 15-il sena mid-data tal-produzzjoni.
Din in-nota f'qiegħ il-paġna għandha tieqaf milli jkollha effett meta ż-żewġ Partijiet ikunu temmew ix-xogħol fil-Fażi 2 tal-GTR Nru 13 ir-Regolament globali tekniku dwar il-vetturi tal-idroġenu u taċ-ċelloli tal-fjuwil u jkunu applikaw ir-Regolament tan-NU korrispondenti skont il-Ftehim 1958.

APPENDIĊI 2-C-2

REGOLAMENTI TAN-NU APPLIKATI MINN WAĦDA MILL-PARTIJET U LI GĦADHOM
MA TQISUX MILL-PARTI L-OĦRA

Regolament Nru.:	Titolu	Data tal- applikazzjoni mill-Parti l-oħra ²
73	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta': I. Vetturi fir-rigward tat-tagħmir ta' protezzjoni laterali (TPL) II tagħhom. Tagħmir ta' protezzjoni laterali (TPL) III. Vetturi fir-rigward tal-istallazzjoni tat-TPL ta' tip approvat skont il-parti II ta' dan ir-Regolament	
126	Dispożizzjonijiet uniformi dwar l-approvazzjoni ta' sistemi ta' partizzjoni sabiex il-passiġġieri jkunu protetti kontra bagalji spostati, fornuti bħala tagħmir tal-vettura mhux oriġinali	

² Għandu jintlaħaq qbil dwar id-dati skont il-paragrafu 2 tal-Artikolu 5 ta' dan l-Anness.